MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 519/2008

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**Vs**

**Emmanuel Scerri**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u sitt Euro u erbgha u hamsin centemzi (€206.54), tmienja u tmenin liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm88.67c), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 1015027 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur ta' bejn April, 2007 u Dicembru, 2007.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' April, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat

kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqsu li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u sitt Euro u erbgha u hamsin centezmu (€206.54), tmienja u tmenin liri Maltin u sebgha u sittin centemzu (Lm88.67), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------